MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 446/2006

**S. Mifsud & Sons Limited (C 341)**

**vs**

**Triton Services Limited (C 17338)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' tlett elef, mija, sitta u erbghin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€3146.45), ekwivalenti ghal elf, tlett mija u hamsin lira u sebgha u sebghin centezmi (Lm1350.77), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici ghal '*tours*' mibjugha kif ukoll ghal taghlim ta` l-Ingliz u akkomodazzjoni ta' studenti, provduti fuq talba tas-socjeta' konvenuta, kif jidher min '*statement*' datat 18 ta' Lulju, 2005.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-interpellazzjoni bonarja u bl-interessi sa mid-data ta' meta l-ammonti rispettivi saru dovuta, liema interessi ghandhom jigu kkalkolati l-oghla rata permess mill-ligi kontra s-socjeta' konvenuta li sa minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta mis-socjeta' konvenuta fejn gie sollevat illi t-talbiet attrici qed jigu kkontestati ghar-ragunijiet segwenti:

1) Huma preskritti skond il-provvedimenti ta` l-Artiklu 2147 (a) u/jew 2147 (b) u/jew 2148 (c) tal-Kodici Civili (Kap. 16.);

2) Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni s-servizzi rezi mis-socjeta' attrici li ghalihom qed jintalab il-hlas permezz tat-talba odjerna ma kienux konformi ma` l-kwalita' ta' servizz pattwita mas-socjeta' konvenuta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra illi permezz ta' nota pprezentata fis-27 ta' Ottubru, 2006, it-talba giet ridotta ghal Lm1321.65, ekwivalenti ghal €3078.62.

Sema` x-xhieda ta' Louise Anne Mercieca, Joe Sacco, John Debono, Guy Mahoney, Neville Mifsud.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti tal-kawza.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ra illi fis-26 ta' Frar, 2007, it-Tribunal ta provediment fejn ordna l-kontinwazzjoni tas-smiegh u pprovda illi ma jippronuncjax ruhu fuq din l-eccezzjoni f'dan l-istadju izda jigi deciz flimkien fl-ahhar tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ta' ammont allegatament dovut lis-socjeta' attrici ghal pakkett ta' vjagg li jikkonsisti f'taghlim ta` l-Ingliz kif ukoll akkommodazzjoni ta' studenti. Is-socjeta' konvenuta eccepixxiet il-preskrizzjoni ghat-

talba u fi kwalunkwe' kaz u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni s-servizzi rezi mis-socjeta' attrici ma kienux konformi ma` l-kwalita' ta' servizz pattwit. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija *a 'tenur'* ta` l-artiklu 2147 (a) u/jew (b) u/jew artiklu 2148 (c) tal-Kodici Civili.

Illi t-talba hija ghal hlas ta' *'tours'* mibjugha lis-studenti, konsistenti f'akkommodazzjoni u taghlim mibjugha. Ghalhekk, dwar l-azzjoni ghall-akkommodazzjoni ta` l-istudenti, l-azzjoni tal-preskrizzjoni taqa' bl-eghluq ta' sena u dana *a tenur* ta` l-artiklu 2147 (b) li jirreferi ghall-azzjonijiet tas-sidien ta' lukanda, tverna jew allogg u ghall-allogg u l-ikel tieghu. Dwar it-talba ghat-taghlim ta' l-Ingliz lil studenti, it-Tribunal jirrileva illi l-azzjoni tal-preskrizzjoni taqa' bl-eghluq ta' tmintax-il xahar u dana *a tenur* ta` l-artiklu 2148(c) li jirreferi ghall-azzjonijiet ta' dawk li ghandhom djar ta' edukazzjoni jew ta' taghlim ta' liema xorta jkunu ghall-hlas tad-dritt taghhom.

Illi t-Tribunal jirrileva illi l-*'invoices'* huma mahruga kollha mill-*'English Language Academy'* izda ghal finijiet ta' kontabilita' taqa' taht il-kontroll tas-socjeta' attrici.

Illi skond  dokument prodott fl-atti tal-kawza a fol. 13, jidher illi s-socjeta' konvenuta kienet qed tikkontesta bilanc ta' Lm684.45 u konsegwentement hemm ammissjoni da parti mis-socjeta' konvenuta fejn intqal illi *'.. we have never said that the full balance is not due but there are only three pending invoices of ELA which are pending amounting to Lm684.45.'*   Wara li jitnaqqas dak l-ammont jibqa' bilanc ta' Lm637.20 ta' dak iz-zmien li qed jigi kkontestat.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi peress illi hemm ammissjoni ta' ammont li ghadu dovut it-Tribunal u peress illi l-azzjoni tal-preskrizzjoni ghalhekk giet interrotta, ha jghaddi sabiex jindaga dwar l-ammont li gie kkontestat. It-Tribunal jirrileva illi jekk kemm-il darba hemm ammissjoni ta' ammont dovut u dan sar permezz ta' *'e-mail'* datata 28 ta' Lulju, 2005, mis-socjeta' konvenuta  li mhux kontestat u peress illi mill-atti jidher illi t-talba giet intavolata fis-16 ta' Mejju,

2006, it-Tribunal jikkonstata illi l-azzjoni ghalhekk giet interrotta fit-28 ta' Lulju, 2005 u ghalhekk l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta m'ghandhiex bazi.

Jidher mill-provi migjuba illi l-*invoices* a fol. 29, 30 u 31 tal-process huma l-invoices li kienu qieghdin jikkontestaw is-socjeta' konvenuta mmarkati bhala LM01, LM02 u LM03, mahruga direttament mill-'*English Language Academy'*. Illi l-ammont tat-tlett '*invoices'* fis-somma ta' Lm684.45 jikkonsisti f'akkommodazzjoni u taghlim ta` l-Ingliz bejn il-perjodu ta` l-20 ta' Lulju, 2004 sal-20 ta' Awissu, 2004.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici tqajjem ukoll il-punt dwar l-eccezzjoni ulterjuri wara l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fejn minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni s-servizzi rezi mis-socjeta' attrici ma kienux konformi ma` l-kwalita' ta' servizz pattwit. Is-socjeta' attrici qalet illi it-tieni eccezzjoni m'hijiex kompattibbli u rikonciljabbli wahda ma` l-ohra. Dwar dan il-punt, it-Tribunal jirrileva illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana illi eccezzjoni ulterjuri ghall-eccezzjoni ta' preskrizzju eccepita *'minghajr pregudizzju'* ghall-ewwel eccezzjoni ghandha titqies indipendentament mill-ewwel eccezzjoni u ghalhekk ha jkompli jindaga dwar il-vertenza ta' din il-kawza sabiex jasal ghal soluzzjoni gusta u ekwa tal-vertenza ta' din il-kawza.

Illi jidher illi l-vertenza ta' din il-kawza kienu ilmenti dwar l-akkommodazzjoni li jammontaw komplessivament ghal Lm438.75. Illi l-ammont tat-taghlim li komplessivament jilhaq is-somma ta' Lm245.70 m'huwiex mertu ta' dan il-kaz u l-anqas ma jidher mill-provi illi kien hemm xi ilment dwaru. Ghalhekk it-Tribunal ha jikkonstata jekk fil-fatt l-ammont ta' Lm438.75 ghall-akkommodazzjoni fi kwalita' mhux pattwita huwiex dovut.

Illi skond ix-xhieda u dokumenti ezebiti fl-atti tal-kawza jidher illi s-socjeta' attrici kienet offriet kumpens ta' Lm150 lis-socjeta' konvenuta bhala turija ta' rieda tajba u sabiex innegozju bejniethom jissokta.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi jekk kemm-il darba il-vertenza bejn il-partijiet kienet dwar kwalita' mhux pattwita, s-socjeta' konvenuta ma kellha ebda dritt illi jzzomm pagamenti ohra li ma kellhomx x'jaqsmu ma` l-kaz in kwistjoni. Ghalkemm inghad mis-socjeta' konvenuta illi l-pagamenti kienu qieghdin jinzammu peress illi kien hemm *'claim'* kontra taghhom fuq dawn il-kazijiet mill-klijenti barra minn Malta. Izda qatt ma ngabu provi li jsostnu din it-tesi.

Illi t-Tribunal jidhirlu illi s-socjeta' attrici kienet ghamlet l-investigazzjonijiet taghha interni dwar l-ilmenti li kellha mis-socjeta' konvenuta dwar l-akkommodazzjoni izda sabet illi l-ilmenti kienu nfondati. Is-socjeta' attrici ghalhekk kienet offriet kumpens ta' Lm150 minn Lm438.75 li kien dovut ghall-akkommodazzjoni. Mill-provi jidher illi l-ilmenti kienu rrigwardaw akkommodazzjoni mhux ta' kwalita' pattwita'. It-Tribunal sema` illi kien hemm kazijiet fejn student gie mqieghed f'kamra bi tlett studenti meta huwa kien talab u hallas ghal kamra ta' zewg studenti u lmenti ohra simili fejn studenta kienet tilfet gimgha taghlim sakemm giet rizolta l-problema taghha dwar l-akkommodazzjoni.

Dawn huma nuqqasijiet illi kellhom jigu rimedjati. Fil-fehma tat-Tribunal l-ilmenti tas-socjeta' konvenuta fir-rigward ta' l-akkomodazjoni kienu fondati izda ma kellux ghalfejn jzomm il-pagamenti l-ohra.

Illi s-socjeta' konvenuta ma gabet ebda prova ta' ilmenti minn terzi hlief ghal *'statements'* interni u ma gabet ebda prova konsistenti f'korrispondenza ma` terzi barra minn Malta dwar l-allegati ragunijiet ghaliex inzammew il-pagamenti kollha.

It-Tribunal huwa konvint illi peress l-ilment kien biss dwar l-akkommodazzjoni, it-Tribunal ha jilqa' t-tieni eccezzjoni in parte u biss fejn jirrigwarda l-akkommodazzjoni. Ghaldaqstant, is-socjeta' konvenuta ghandha thallas l-ammonti rimanenti.

It-Tribunal ghalhekk jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici '*in parte'* u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn, tlieta u tmenin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€2083.51), ekwivalenti ghal LM 894.45, bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax mid-data tas-sentenza sa l-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza zewg terzi ghall-konvenut u terz ghas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------